Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2025/2238(INI)

07.01.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – il-ġlieda kontra l-frodi – rapport annwali 2024
(2025/2238(INI))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Julien Sanchez

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 19

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – il-ġlieda kontra l-frodi – rapport annwali 2024

(2025/2238(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 310(6) u 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2025 bit-titolu "Is-36 Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi – 2024" (COM(2024)0426) (Rapport PIF tal-2024),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2024 tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[1] u r-rapport ta' attività tal-2024 tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF[2],

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2024 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), ippubblikat fit-3 ta' Marzu 2025,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[3] (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4] (ir-Regolament Finanzjarju),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1624[5], ir-Regolament (UE) 2024/1620[6] u d-Direttiva (UE) 2024/1640[7], kollha tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kollha adottati fil-31 ta' Mejju 2024 u kollha dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż permezz tal-

---

[1] OLAF, "Twenty-fifth report of the European Anti-Fraud Office, 1 January to 31 December 2024" (Il-ħamsa u għoxrin Rapport tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2024), 2024.
[2] ĠU C, C/2025/4091, 18.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4091/oj.
[3] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj.
[4] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj).
[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj).
[7] Id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1640/oj).

istabbiliment tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu,

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni[8] (id-Direttiva dwar l-Informaturi) u r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2024 dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħha (COM(2024)0269),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali[9] (id-Direttiva PIF),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2022 bit-titolu "It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali" (COM(2022)0466)

– wara li kkunsidra r-rapport konġunt tal-Europol u l-OLAF tas-6 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Assessing the Threats to the Next Generation EU (NGEU) Fund" (Nivvalutaw it-Theddid għall-Fond Next Generation EU (NGEU)),

– wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni u l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2024[10],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 06/2023 tal-QEA tat-13 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE – Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni"[11],

– wara li kkunsidra r-rapport speċjali 03/2024 tal-QEA tat-22 ta' Frar 2024 bit-titolu "L-istat tad-dritt fl-UE – Qafas imtejjeb biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE, iżda għad hemm riskji"[12],

– wara li kkunsidra r-Rapport Analitiku 02/2025 tal-QEA tas-6 ta' Mejju 2025 bit-titolu "Orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni, obbligu ta' rendikont u trasparenza — tagħlimiet li għandhom jittieħdu mid-dgħufijiet tal-RRF"[13],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 08/2025 tal-QEA tal-24 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Frodi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-importazzjonijiet — L-interessi finanzjarji tal-UE mhumiex protetti biżżejjed fil-qafas tal-proċeduri doganali għall-

[8] ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj .
[9] ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj.
[10] Ir-Rapporti Annwali 2024 tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 u dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2024, https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/AR-2024/AR-2024_MT.pdf.
[11] Ir-Rapport Speċjali 06/2023 tal-QEA, https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2023-06.
[12] Ir-Rapport Speċjali 03/2024 tal-QEA, https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2024-03/SR-2024-03_MT.pdf.
[13] Ir-Rapport Analitiku 02/2025 tal-QEA, https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/RV-2025-02/RV-2025-02_MT.pdf.

importazzjoni simplifikati”[14] u r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu “Id-diskrepanza tal-VAT fl-UE — Rapport tal-2024”[15],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 09/2025 tal-QEA tal-10 ta’ Marzu 2025 bit-titolu “Sistemi biex l-infiq taħt l-RRF żgur jikkonforma mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajnuna mill-Istat — Qed jitjiebu iżda għadhom mhux biżżejjed” [16],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 15/2025 tal-QEA tat-18 ta’ Ġunju 2025 bit-titolu “Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE taħt ġestjoni mill-bogħod — Tista’ ssalva l-ħajjiet, iżda l-approċċ għandu n-nuqqasijiet”[17],

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 26/2025 tal-QEA tal-15 ta’ Diċembru 2025 bit-titolu “Il-korpi tal-UE li jiġġieldu l-frodi — Għandhom mandati ċari iżda l-iskambju ta’ informazzjoni u s-sorveljanza tal-Kummissjoni għadhom mhumiex biżżejjed”[18],

– wara li kkunsidra l-edizzjoni speċjali 548 tal-Ewrobarometru bit-titolu “Citizens’ attitudes towards corruption in the EU in 2024” (L-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn il-korruzzjoni fl-UE fl-2024)[19],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ Mejju 2025 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – il-ġlieda kontra l-frodi – ir-rapport annwali 2023[20],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0000/2025),

A. billi kull sena, il-Kummissjoni tippreżenta rapport, magħruf bħala r-Rapport PIF, lill-Parlament u lill-Kunsill, abbozzat f’kooperazzjoni mal-Istati Membri dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 325(5) tat-TFUE;

B. billi l-ġestjoni tajba tar-riżorsi tal-UE, kemm għan-nefqa kif ukoll għad-dħul, u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, għandhom jiffurmaw komponenti ewlenin ta’ kwalunkwe politika tal-UE, sabiex titrawwem l-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom, jiġi żgurat li l-flus tal-kontribwenti jintużaw kif suppost u b’mod effettiv u tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej;

C. billi r-Rapport PIF annwali huwa prinċipalment ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, permezz tas-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), u mill-Kummissjoni, permezz tas-sistema kontabilistika tagħha (ABAC), li tinkludi data dwar

[14] Ir-Rapport Speċjali 08/2025 tal-QEA, https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2025-08/SR-2025-08_MT.pdf.
[15] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, iċ-Ċentru għar-Riċerka Soċjali u Ekonomika (CASE), Oxford Economics u Syntesia, VAT gap in the EU – 2024 report (Id-diskrepanza tal-VAT fl-UE – rapport tal-2024), Poniatowski, G. (editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2778/2476549.
[16] Ir-Rapport Speċjali 09/2025 tal-QEA https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2025-09.
[17] Ir-Rapport Speċjali 15/2025 tal-QEA, https://www.eca.europa.eu/mt/publications?ref=SR-2025-15.
[18] Ir-Rapport Speċjali 26/2025 tal-QEA https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2025-26.
[19] Ewrobarometru Speċjali 548, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3217.
[20] Testi adottati, P10_TA(2025)0075.

l-irregolaritajiet u dwar id-detezzjoni tal-frodi, li tiġi analizzata biex jiġu identifikati l-oqsma meqjusa l-aktar esposti;

D. billi d-deskrizzjoni u l-analiżi fir-Rapport PIF tal-miżuri adottati għall-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet għandhom jagħmluha possibbli li jiġu identifikati u implimentati azzjonijiet aktar immirati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;

E. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE trid tkun appoġġjata minn analiżi bbażata fuq data affidabbli;

F. billi, meta jitqiesu d-disparitajiet bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet, id-diversità tas-sistemi amministrattivi fl-Istati Membri xxekkel l-implimentazzjoni tal-objettiv ta' livell komuni ta' sistemi nazzjonali ta' ġestjoni, kontroll u rappurtar fl-Unjoni; billi, jekk id-diversità tas-sistemi amministrattivi fl-Istati Membri ma tiġix indirizzata b'mod konsistenti billi jissaħħu l-interoperabbiltà u d-diġitalizzazzjoni, hemm ir-riskju li jiġu mminati l-affidabbiltà, il-komparabbiltà u l-utilità tad-data u tar-rapporti; billi, għal dan l-għan, jidher meħtieġ li linji gwida komuni ġenwini li jixirqilhom l-isem u proċeduri standard robusti jiġu implimentati b'mod effettiv u aktar effiċjenti sabiex jinkisbu ġestjoni u trattament aktar standardizzati u uniformi tal-fondi Ewropej u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-istess mod fl-Istati Membri kollha;

G. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkondividu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li tkopri l-użu ta' fondi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[21] u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza; billi r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali fl-iżgurar ta' livell adegwat ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti fl-ambitu tan-Next Generation EU (NGEU) u l-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur;

H. billi l-organizzazzjonijiet kriminali, attirati mill-volum bla preċedent ta' riżorsi użati fl-ambitu tal-programmi tal-QFP u tan-Next Generation EU, huma partikolarment attivi fl-interċettazzjoni tal-fondi tal-UE u jistgħu jisfruttaw l-eteroġeneità tas-sistemi amministrattivi, ta' kontroll u ta' sanzjonar tal-Istati Membri biex jippenetraw in-nisġa ekonomika, finanzjarja, kummerċjali, soċjali u politika tagħhom, u b'hekk jimminaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

I. billi l-protezzjoni tal-baġit tal-UE hija bbażata fuq arkitettura kontra l-frodi[22], li tinvolvi diversi atturi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, u tippermetti l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjonijiet amministrattivi u kriminali; billi l-azzjonijiet tal-UPPE, l-OLAF, l-Europol u l-Eurojust ikkontribwew għall-ġlieda kontra r-reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, iżda l-effettività tagħhom tiddependi fuq koordinazzjoni msaħħa bejniethom u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mas-sħab internazzjonali;

[21] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).
[22] l-OLAF, l-UPPE, l-Europol, l-Eurojust, il-Kummissjoni, il-QEA, l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri u s-servizz ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS).

J. billi t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) hija sors importanti ta' dħul għall-baġits nazzjonali u r-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT, li ammontaw għal madwar 14 % tar-riżorsi proprji totali tal-UE fl-2024 u madwar 10 % fl-2023; billi l-emerġenza ta' każijiet ta' frodi karusell tal-VAT intensifikat f'dawn l-aħħar snin u rat l-involviment dejjem akbar ta' networks kriminali organizzati;

K. billi l-korruzzjoni hija waħda mill-aktar reati serji b'dimensjoni transfruntiera u taffettwa lill-Istati Membri kollha fi gradi differenti; billi dan idgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u jimmina l-interessi finanzjarji u l-ekonomija tal-Unjoni kollha kemm hi, kif ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Unjoni;

L. billi l-kunflitti ta' interess mhumiex irrapportati kif xieraq u bis-sħiħ fil-bażijiet tad-data ta' monitoraġġ attwali; billi dawn jistħoqqilhom l-ogħla kunsiderazzjoni, peress li jirrappreżentaw theddida serja għall-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-awtoritajiet ta' appoġġ u ksur tal-fiduċja tal-kontribwenti;

M. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni trid tiġi integrata bis-sħiħ fl-istrumenti kollha ta' azzjoni esterna tal-UE, peress li l-appoġġ finanzjarju lil pajjiżi mhux tal-UE jinvolvi b'mod inerenti riskju akbar ta' frodi, miżappropriazzjoni u użu ħażin tal-fondi meta mqabbel mal-implimentazzjoni diretta, u għalhekk irid ikun akkumpanjat minn miżuri ta' salvagwardja robusti li jiżguraw l-użu konsistenti tal-fondi tal-Unjoni, kif ukoll mekkaniżmi li jippermettu interventi protettivi f'kull ħin sabiex jiġi evitat, identifikat u kkoreġut ksur possibbli;

Rimarki ġenerali dwar ir-rapporti PIF u kwistjonijiet ewlenin

1. Jieħu nota tar-rapport PIF tal-2024, japprova l-erba' rakkomandazzjonijiet tiegħu iżda jqishom mhux ambizzjużi biżżejjed, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza u l-mezzi li bihom iċ-ċittadini u r-rappreżentanti eletti tagħhom jistgħu jimmonitorjaw l-użu tal-fondi, peress li r-rapporti annwali waħedhom joffru biss perspettiva parzjali u ffiltrata tal-problemi reali;

2. Itenni li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni qed tiffaċċja sfidi sinifikanti f'kuntest dejjem aktar kumpless u li qed jevolvi malajr u li l-effettività tagħha tista' tinkiseb biss permezz ta' azzjonijiet konġunti u kkoordinati mill-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet Ewropej u l-Istati Membri;

3. Jisħaq li d-diġitalizzazzjoni msaħħa biss, inkluż permezz ta' strateġiji nazzjonali kontra l-frodi, id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-użu ta' għodod diġitali komuni, se tippermetti l-kondiviżjoni tal-għarfien, l-aċċessibbiltà u l-ipproċessar tad-data, kif ukoll ir-rapportar komprensiv meħtieġ għal governanza bbażata fuq ir-riżultati fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li diġitalizzazzjoni msaħħa biss tista' tipprovdi l-pedament għal trasparenza ġenwina għaċ-ċittadini u r-rappreżentanti eletti tagħhom, li hija essenzjali meta jkunu involuti flus pubbliċi;

4. Jinnota li l-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali fl-2024 kien kemxejn aktar baxx milli fl-2023 (total ta' 13 589 fl-2024, 13 947 fl-2023 u 12 455 fl-2022), filwaqt li l-ammonti irregolari korrispondenti ġew irrapportati li kienu relattivament stabbli (EUR 1.84 biljun fl-2024 meta mqabbla ma' EUR 1.90 biljun fl-2023, u laħqu EUR 1.77 biljun fl-2022); josserva li l-każijiet ta' frodi jammontaw għal madwar 10 % tal-irregolaritajiet totali rrappurtati,

u l-għadd żdied drastikament għal 1 364 (26 % aktar milli fl-2023); jinnota li l-ammonti finanzjarji relatati ma' dawn il-każijiet ta' frodi żdiedu wkoll għal EUR 548.8 miljun fl-2024 (+ 138.7 % meta mqabbla mal-2023); jirrimarka li peress li l-kontrolli mhumiex sistematiċi iżda spiss jitwettqu permezz ta' teħid ta' kampjuni, dawn iċ-ċifri għandhom jiġu interpretati b'kawtela;

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati fl-2024 kien 3.6 % ogħla mill-medja ta' ħames snin, filwaqt li l-ammonti finanzjarji involuti kienu 12 % ogħla, u li l-għadd ta' frodi rrapportati fl-2024 kien 19 % ogħla u l-ammonti involuti kienu 56 % ogħla mill-medja matul il-perjodu ta' ħames snin;

6. Jinnota li r-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-OLAF huma stabbli, u dan jindika li għalaq 246 investigazzjoni (265 fl-2023 u 256 fl-2022) u ħareġ 301 rakkomandazzjoni (309 fl-2023 u 275 fl-2022), b'ammont ta' rkupru totali rrakkomandat ta' EUR 871.5 miljun (EUR 1 043.8 miljun fl-2023 meta mqabbel ma' EUR 426.8 miljun fl-2022);

7. Jinnota li l-attivitajiet tal-UPPE żdiedu b'mod kostanti minn Ġunju 2021, f'termini tal-għadd ta' investigazzjonijiet miftuħa (fl-2024, 1 504 investigazzjoni, meta mqabbla ma' 1 371 fl-2023 u 865 fl-2022), l-għadd ta' investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa (2 666 fl-2024 meta mqabbla ma' 1 927 fl-2023 u 1 117 fl-2022), l-għadd ta' akkużi (205 fl-2024 meta mqabbla ma' 139 fl-2023 u 87 fl-2022), l-għadd ta' kundanni kriminali (102 każ kriminali ngħalqu fl-2024 b'kundanna waħda meta mqabbla ma' 48 każ fl-2023 u 20 każ fl-2022) u l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar miksuba (fl-2024 għal EUR 2.42 biljun meta mqabbla ma' EUR 1.5 biljun fl-2023, EUR 359.1 miljun fl-2022);

8. Jinnota li fl-2024, l-UPPE rrapporta li l-Europol kienet ipprovdiet appoġġ (skambju ta' informazzjoni, appoġġ analitiku u għarfien espert) b'rispons għal 83 talba u li sa tmiem l-2024, 25 każ kienu għadhom għaddejjin bl-appoġġ tal-uffiċċji nazzjonali tal-Eurojust; jinnota li fl-2024, l-OLAF bagħat 74 każ lill-UPPE għall-ftuħ ta' investigazzjoni kriminali, u li l-UPPE fetaħ 69 każ abbażi tal-kontribuzzjonijiet tal-OLAF, u li fl-istess sena l-OLAF għalaq 26 investigazzjoni addizzjonali u fetaħ 17; jistenna li r-reviżjoni tal-arkitettura kontra l-frodi se tipprovdi opportunitajiet biex din il-kooperazzjoni tissaħħaħ u jiġu stabbiliti miri ambizzjuži allinjati mal-prijoritajiet tal-UE;

9. Jisħaq li l-ġlieda kontra l-frodi tirrikjedi approċċ komprensiv, li jinvolvi firxa wiesgħa ta' atturi u proċessi interkonnessi li jinfluwenzaw lil xulxin u jkopru l-erba' stadji ewlenin taċ-ċiklu kontra l-frodi, jiġifieri l-prevenzjoni, d-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, kif ukoll l-irkupru u s-sanzjonijiet;

Prevenzjoni u detezzjoni

10. Ifakkar li l-ġlieda kontra l-frodi m'għandhiex issir biss *a posteriori*, iżda għandha tikkonċerna l-istituzzjonijiet Ewropej kollha hekk kif jitfasslu l-iskemi, l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament; jisħaq, għalhekk, li involviment aħjar tal-partijiet ikkonċernati fl-arkitettura kontra l-frodi u tal-Parlament fl-istadju tal-iżvilupp tal-arranġamenti, l-istrumenti u l-programmi ċertament iwassal għal protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;; jistieden lill-Kummissjoni tieħu nota ta' dan u tinvolvi aħjar lill-atturi kollha upstream;

11. Jisħaq li, minbarra l-isforzi meħtieġa biex tiġi limitata l-frodi permezz tat-tfassil ta' politiki pubbliċi, huwa meħtieġ ukoll sforz proattiv aktar determinat biex tiġi

identifikata u miġġielda l-frodi; jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali hija waħda mill-għodod li għandhom jintużaw biex tiġi ottimizzata din il-ġlieda;

12. Jinnota li r-rapporti ta' ksur ippreżentati lill-UPPE, l-informazzjoni dwar interessi investigattivi potenzjali trażmessa lill-OLAF u r-rapportar ta' irregolaritajiet, kif ukoll l-aġġornamenti perjodiċi relatati ppreżentati lill-Kummissjoni permezz tal-IMS, huma s-sors ewlieni ta' data għall-valutazzjoni tal-livelli ta' detezzjoni; jinnota li l-livelli ta' detezzjoni jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor u fost is-sorsi ta' informazzjoni, u jsostni li l-livell ta' detezzjoni f'żona ġeografika jew f'settur baġitarju jew politiku mhux neċessarjament jikkorrispondi għall-inċidenza reali ta' frodi jew imġiba ħażina oħra f'dak il-qasam jew settur; jisħaq, barra minn hekk, li r-riżultati tal-isforzi ta' detezzjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli minn settur għall-ieħor u minn pajjiż għall-ieħor;

13. Jinnota li, fil-politika agrikola komuni (PAK), il-politika ta' koeżjoni u s-setturi tas-sajd, matul il-perjodu 2020–2024, l-analiżi tar-riskju xorta kkontribwiet biss marġinalment għad-detezzjoni tal-frodi, mingħajr titjib meta mqabbla mal-perjodu preċedenti (2015–2019); jinnota li d-detezzjoni tal-frodi bbażata fuq twissijiet minn informaturi għadha baxxa, peress li d-detezzjoni tal-frodi seħħet darba biss bħala riżultat ta' informazzjoni ppubblikata fil-midja fil-kuntest ta' pagamenti diretti, filwaqt li fis-setturi tal-koeżjoni u tas-sajd ir-rwol tal-informazzjoni mis-soċjetà ċivili żdied, b'madwar 18 % tal-irregolaritajiet mikxufa fuq din il-bażi; jisħaq li għall-irregolaritajiet li jaffettwaw il-PAK, l-analiżi tal-konċentrazzjoni ta' detezzjoni ippreżentata fir-Rapport PIF tal-2024 turi konċentrazzjoni ogħla għall-irregolaritajiet frawdolenti milli għall-irregolaritajiet mhux frawdolenti, li jissuġġerixxi li approċċi differenzjati għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali setgħu kienu fattur determinanti f'dan il-livell ta' detezzjoni; jinnota, barra minn hekk, li għad-detezzjoni ta' irregolaritajiet mhux frawdolenti, la l-analiżi tar-riskju u lanqas l-informazzjoni tas-soċjetà ċivili ma għandhom rwol sinifikanti u jfakkar li fl-2023, ippersista livell sinifikanti ta' żball taħt l-intestatura "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", li laħaq 9.3 %; itenni t-tħassib tiegħu dwar it-tul eċċessiv tal-proċeduri meħtieġa għall-għeluq ta' każijiet fejn jiġu identifikati irregolaritajiet u jinnota li matul il-perjodu 2020–2024, bħala medja, għaddew aktar minn erba' snin bejn il-bidu tal-irregolarità u s-suspett ta' irregolarità frawdolenti fis-settur tal-PAK, u mbagħad madwar tliet snin oħra biex jingħalaq il-każ wara li ġiet infurmata l-Kummissjoni, filwaqt li fis-settur tal-koeżjoni kienu meħtieġa kważi sentejn biex jiġi identifikat suspett ta' frodi u kważi sentejn u nofs oħra biex jiġi ffinalizzat il-każ; jifhem li fiż-żewġ setturi d-durata medja hija iqsar għall-irregolaritajiet mhux frawdolenti, possibbilment minħabba ostakli ogħla għall-verifika f'każijiet ta' frodi u l-ħtieġa li jiġu mobilizzati riżorsi speċjalizzati li huma ġeneralment limitati; jisħaq li t-tul ta' dawn il-proċeduri jxekkel l-adozzjoni ta' miżuri effettivi ta' rkupru jew mitigazzjoni u jċaħħad l-azzjonijiet meħuda mill-effett deterrenti tagħhom; iqis, fl-aħħar nett, li l-modalitajiet u t-twaqqit tat-trattament inizjali tal-każijiet għandhom influwenza deċiżiva fuq it-tmexxija sussegwenti tal-proċedimenti u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tadotta miżuri xierqa biex tħaffef dawn il-proċessi, b'mod partikolari billi tintensifika d-djalogu tagħha mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, li huwa fl-interess tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

14. Jinnota li, fil-qasam tal-ġestjoni diretta, matul il-perjodu 2020–2024, l-OLAF preżumibbilment kien is-sors ewlieni ta' detezzjoni ta' elementi ta' rkupru relatati ma' irregolaritajiet frawdolenti, li jammontaw għal 89.8 % tal-każijiet u 96.9 % tal-ammonti

totali rkuprati, filwaqt li l-kontrolli *ex post* tal-Kummissjoni identifikat 6.0 % addizzjonali ta' dawn l-elementi, li jikkorrispondu għal 1.9 % tal-ammonti rkuprati; jinnota, barra minn hekk, li madwar 95.7 % tal-oġġetti ta' rkupru kklassifikati bħala irregolaritajiet mhux frawdolenti ġew identifikati permezz ta' kontrolli tal-Kummissjoni, kemm *ex ante* kif ukoll *ex post*; jinnota, f'dan ir-rigward, l-analiżi tar-Rapport PIF tal-2024 dwar ir-relazzjoni bejn is-sors ta' detezzjoni u l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, li turi li l-kontrolli *ex post* tal-Kummissjoni u l-investigazzjonijiet tal-OLAF wasslu għall-ogħla ammonti rkuprati għal irregolaritajiet mhux frawdolenti u frawdolenti, rispettivament;

15. Jinnota li f'dawn l-aħħar snin, iż-żieda fid-detezzjoni mill-korpi tal-Unjoni kienet proporzjonalment aktar baxxa minn dik minn informaturi privati jew awtoritajiet nazzjonali (fl-2024, ir-rapporti ta' reati lill-UPPE minn informaturi privati żdiedu b' 85 %, dawk mill-awtoritajiet nazzjonali bi 13 % u dawk mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE b' 5 %, u fl-2023, ir-rapporti ta' reati minn informaturi privati, awtoritajiet nazzjonali u IBOA żdiedu bi 30 %, 24 % u 5 % rispettivament meta mqabbla mal-2022); itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet oħra tal-UE biex jippromwovu d-detezzjoni billi jiffaċilitaw il-proċessi ta' rapportar u jsaħħu l-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-persunal u tal-maniġment u l-komunikazzjoni interna;

16. Ifakkar lill-Kummissjoni li sabiex tiġi identifikata l-frodi huwa meħtieġ li jitwettqu kontrolli u li, għalkemm jistgħu jkunu għaljin, jiġġeneraw ukoll dħul addizzjonali, xi drabi sinifikanti, u/jew jevitaw infiq irregolari; jinnota għalhekk li huwa essenzjali li jiġu pprovduti riżorsi lil dawk involuti fl-arkitettura kontra l-frodi biex ikunu jistgħu jwettqu kontrolli aktar frekwenti;

Investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet

17. Iqis li t-tul eċċessiv tal-investigazzjonijiet u tal-proċeduri amministrattivi jimmina l-effettività tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, l-irkupru u l-prosekuzzjoni;

18. Jissottolinja r-rwol strateġiku tas-Servizzi ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) fl-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi u jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-attivitajiet tagħhom;

19. Jisħaq li l-informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet li għaddejjin tal-UPPE għandha tintbagħat lill-Kummissjoni meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 103 tar-Regolament dwar l-UPPE[23] jippermettu dan; jinnota, madankollu, li skont ir-rapport PIF tal-2024, mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sas-27 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet biss 75 notifika mill-UPPE, li 64 minnhom kienu relatati ma' każijiet li kienu għaddejjin, filwaqt li fi tmiem l-2024 kien hemm 279 investigazzjoni relatata mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bi ħsara finanzjarja totali stmata ta' EUR 2,7 biljun; josserva li dan jipprevjeni fehim sħiħ tas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

Rkupri u rapportar

20. Jirrikonoxxi li l-irkupru huwa proċess kumpless li jirrikjedi kooperazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni u ma' atturi u awtoritajiet nazzjonali oħra; itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura segwitu effettiv tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF u tal-proċedimenti tal-UPPE sabiex b'mod affidabbli tkejjel l-impatt reali tal-azzjonijiet tagħhom u tipprovdi aktar evidenza b'appoġġ għat-tfassil tal-politika orjentat lejn ir-riżultati;

21. Jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu mar-risposta tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2025, li skontha l-informazzjoni dwar l-irkupru tkun preċiża u disponibbli; jisħaq li data dettaljata dwar irkupri effettivi wara r-rakkomandazzjonijiet finanzjarji tal-OLAF la tiġi ppubblikata fir-Rapport Annwali tal-OLAF u lanqas fi kwalunkwe rapport uffiċjali ieħor tal-Kummissjoni; jiddispjaċih li d-data aggregata biss hija disponibbli; jenfasizza l-persistenza tad-distakk sinifikanti bejn l-ammonti rakkomandati għall-irkupru mill-OLAF, l-ammont stabbilit bħala rekuperabbli mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-ammont eventwalment irkuprat b'mod effettiv mill-operaturi ekonomiċi; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi data b'livell adegwat ta' granularità dwar l-irkupru u biex tivvaluta u tippubblika r-raġunijiet li jispjegaw kull lakuna ta' dan it-tip;

It-theddid prinċipali — il-kriminalità organizzata

22. Jinnota li l-UPPE rrapporta 385 reat taħt investigazzjoni li jikkonċernaw organizzazzjonijiet kriminali ffukati fuq il-PIF fl-investigazzjonijiet attivi tiegħu sa tmiem l-2024 (ir-rapport annwali tal-2023 tal-UPPE rrefera għal 209 investigazzjoni li kienu jikkonċernaw organizzazzjonijiet kriminali ffukati fuq il-PIF); huwa konxju li l-involviment ġenerali veru tal-kriminalità organizzata u l-impatt tagħha fuq l-użu tar-riżorsi tal-UE mhuwiex kwantifikabbli b'mod preċiż; jinnota li, skont id-data u l-analiżi pprovduti mill-UPPE, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-Prosekuturi Delegati Ewropej (EDPs) jiffukaw l-investigazzjonijiet tagħhom fuq ir-reati PIF sottostanti (miżapproprjazzjoni, frodi, korruzzjoni) u mhux fuq l-organizzazzjoni kriminali per se, peress li r-Regolament dwar l-UPPE jillimita l-kompetenza tal-UPPE għal organizzazzjonijiet kriminali li l-attività tagħhom tiffoka fuq it-twettiq ta' reati PIF (l-Artikolu 22(2) tar-Regolament dwar l-UPPE); ifakkar li l-Eurojust tista' tipprovdi assistenza fil-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet dwar reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-kriminalità organizzata; jisħaq li r-realtà tal-attività kriminali organizzata fuq il-post hija evidenti minn valutazzjoni tal-firxa tad-danni finanzjarji attribwiti għall-frodi tal-VAT, il-frodi tad-dazju tas-sisa u l-frodi doganali, fejn komponent qawwi tal-kriminalità organizzata spiss ikun preżenti, u li dejjem iseħħ meta jkunu involuti volumi finanzjarji kbar;

Theddid ewlieni — frodi tal-VAT

